# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru:  708/01mm**

**Bonnici & Zahra Limited**

**vs**

**Toni Bezzina**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm4750.00) dovuta lill-esponenti u rapprezentanti l-prezz ta' fornitura water proofing

membranes ikkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici kif jidher minn kopji ta' invoice datata 30 ta' Mejju, 2001, annessa u mmarkata Dok A.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-water proofing membranes sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.